

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**tad-9 ta' Lulju 2019****dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Irlanda għall-2019 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Irlanda għall-2019**

(2019/C 301/07)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjeggi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika għall-2019. Hija ħadet kont debitu tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, iddikjarat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija identifikat lill-Irlanda bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ⁽³⁾ ('Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro'), li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ('ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro').

⁽¹⁾ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

⁽³⁾ ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

- (2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li l-Irlanda tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro għall-2019, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (3) hawn taħt. B'mod partikolari, l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-oqsma speċifikati u l-introduzzjoni ta' miżuri fiskali ser jgħinu biex tiġi indirizzata t-tieni rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investment, it-titjib tal-finanzi pubbliċi u l-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.
- (3) Ir-rapport speċifiku għall-Irlanda għall-2019 ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ir-rapport ivvaluta l-progress tal-Irlanda fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018 ⁽⁴⁾, is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tal-Irlanda lejn il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020. Ir-rapport inkluda wkoll analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, li r-riżultati tagħha ġew ippubblikati wkoll fis-27 ta' Frar 2019. L-analiżi tal-Kummissjoni wasslitha għall-konklużjoni li l-Irlanda għaddejjja minn żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, stokks kbar ta' dejn pubbliku u privat u obbligazzjonijiet esterni netti jagħmlu lill-Irlanda vulnerabbli għal xokkijiet negattivi, iżda l-varjabbli tal-fluss komplew jittjiebu. L-istokk ta' dejn privat għadu għoli, iżda t-tkabbir ekonomiku qed ikompli jgħin biex dan jitnaqqas. L-attivitajiet tal-kumpaniji multinazzjonali jkomplu jinfluwenzaw id-dejn korporattiv. Id-dejn tal-unitajiet domestiċi jidher li hu ġeneralment konformi mal-prinċipji fundamentali, għalkemm huwa għoli meta mqabbel mal-introjtu disponibbli. Id-dejn tal-gvern huwa previst li jibqa' nieżel, filwaqt li d-defiċit qed joqrob dejjem aktar lejn pożizzjoni bbilanċjata. Il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'rata mgħaġġla għal għadd ta' snin iżda dan l-aħħar naqqsu r-ritmu. Il-prezzijiet tad-djar huma fil-biċċa l-kbira ggwidati minn restrizzjonijiet fil-provvista, u ma hemm l-ebda evidenza ċara ta' sopravvalutazzjoni. L-ammont ta' self improduttiv, minkejja li għadu għoli, kompli jonqos minkejja li l-arretrati fit-tul qed jonqsu b'pass aktar bil-mod.
- (4) L-Irlanda ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha għall-2019 fis-17 ta' April 2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019 fid-29 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin.
- (5) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdi iktar dettalji dwar kif tagħmel użu minn dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (6) L-Irlanda bħalissa tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u soġġetta għar-regola tad-dejn. Fil-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019, il-gvern jistenna li l-bilanċ nominali jittjieb għal 0,2 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 u li jkompli jittjieb gradwalment minn hemm 'il quddiem għal 1,3 % tal-PDG fl-2023. Abbażi tal-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid ⁽⁶⁾, l-oġġettiv baġitarju ta' terminu medju, li huwa stabbilit bħala defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG, huwa pplanat li jintlaħaq sal-2020. F'konformità mal-Programm ta' Stabbiltà, il-proporzjon ta' dejn tal-gvern għall-PDG huwa mistenni li jaqa' għal 61,1 % fl-2019 u li jibqa' nieżel għal 51,6 % fl-2023. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfered daww il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess ħin, il-miżuri meħtieġa biex jiġu appoġġati l-miri pplanati tad-defiċit mill-2020 'il quddiem ma ġewx speċifikati biżżejjed.

⁽⁴⁾ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 27.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁽⁶⁾ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett ta' miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

- (7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lill-Irlanda biex tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2019. Dan huwa konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali massima ta' nfiq primarju tal-gvern nett (7) ta' 7,0 % fl-2019, li tikkorrispondi għal deterjorament awtorizzat fil-bilanċ strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, l-Irlanda hija mistennija li tkun konformi mal-aġġustament fiskali rakkomandat fl-2019.
- (8) Fl-2020, jenħtieġ li l-Irlanda tilħaq l-objettiv baġitarju fit-terminu medju tagħha. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ta' 3,7 % (8), li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,7 % tal-PDG. L-Irlanda hija prevista li tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Id-dejn tal-gvern ġenerali huwa mbassar li ser iżomm ix-xejra qawwija 'l isfel lil hinn mir-ekwiżiti tar-regola tad-dejn. B'mod ġenerali, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-Irlanda hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u l-2020. Fid-dawl tad-differenza bejn il-kejl tal-PDG u l-produzzjoni domestika fl-Irlanda u l-impatt assoċjat fuq il-proporzjon tad-dejn għall-PDG, il-kundizzjonijiet ċikliċi attwali tal-Irlanda u r-riskji esterni iktar akuti, l-użu ta' xi gwadann mhux previst biex jitnaqqas iktar il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali jkun importanti.
- (9) Il-finanzi pubbliċi komplew jitjiebu minħabba tkabbir robust tal-output, iżda r-riskji li ġġib magħha l-volatilità tad-dħul għadhom hemm, u hemm lok biex id-dħul isir iktar reżiljenti għal ċaqliq ekonomiku u xokkijiet negattivi. Il-limitazzjoni tal-ambitu u l-għad ta' nefqiet tat-taxxa u t-twessigħ tal-bażi tat-taxxa ser itejbu l-istabbiltà tad-dħul f'każ ta' volatilità ekonomika. Filwaqt li l-Irlanda żiedet ir-rata tat-taxxa fuq il-valur miżjud aktar baxxa fuq attivitajiet turistiċi, xi miżuri fiskali reċenti ffukaw fuq tnaqqis u għajnuniet. Barra minn hekk, l-Irlanda għandha potenzjal ulterjuri li ttejjeb il-mod kif is-sistema tat-taxxa tagħha tista' tappoġġa l-objettivi ambjentali. Sforzi bħal dawn jistgħu jinkludu t-tnaqqis tas-sussidji għall-karburant fossili u l-għoti ta' sinjal ta' prezz aktar b'saħħtu lill-investituri billi tiġi mwiegħda skeda ta' żidiet fit-taxxa fuq il-karbonju matul l-għaxar snin li gějjin.
- (10) Il-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa hija essenzjali biex is-sistemi tat-taxxa jsiru aktar effiċjenti u ġusti, kif rikonoxxut fir-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro. L-effetti konsegwenzjali ta' strateġiji ta' pplanar aggressiv tat-taxxa tal-kontribwenti bejn l-Istati Membri jirrikjedu azzjoni koordinata ta' politiki nazzjonali biex jikkomplementaw il-leġislazzjoni tal-UE. L-Irlanda ħadet miżuri kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, iżda l-livell għoli ta' pagamenti ta' royalty u dividendi bħala perċentwal tal-PDG jissuġġerixxi li r-regoli tat-taxxa tal-Irlanda jintużaw minn kumpaniji li jwettqu pplanar aggressiv tat-taxxa. L-applikazzjoni limitata ta' taxxi minn ras il-għajn fuq royalties u ħlasijiet ta' dividendi barra mill-pajjiż (jiġifieri minn residenti tal-Unjoni lil residenti ta' pajjiżi terzi) magħmula minn kumpaniji bbażati fl-Irlanda jistgħu jwasslu biex dawk il-ħlasijiet jevadu t-taxxa kompletament, jekk ma jkunux soġġetti għat-taxxa lanqas fil-ġurisdizzjoni riċevanti.
- (11) Ir-riskji ta' sostenibbiltà fiskali fit-tul relatati mal-ispiża tat-tixjiħ tal-popolazzjoni għadhom hemm. L-infiq fuq il-kura tas-saħħa huwa previst li jiżdied minn 4,1 % tal-PDG fl-2016 għal 5,1 % fl-2070, bl-ogħla livell ta' 5,2 % fl-2063. Għalkemm hemm aspetti tas-sistema tal-kura tas-saħħa fl-Irlanda li jaħdmu tajjeb jew tjebeu, is-sistema hija ineffiċjenti, diffiċli biex tlaħħaq mad-domanda u ma tippovdix kura kkoordinata u integrata. Sabiex ittaffi ż-żieda fil-pressjoni tad-domanda, il-gvern Irlandiż approva l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni Sláintecare u waqqaf l-Uffiċċju għall-Implimentazzjoni tal-Programm Sláintecare biex jirrifirma b'mod komprensiv u jimmodernizza s-servizzi tas-saħħa u tal-kura soċjali tal-Irlanda matul l-għaxar snin li gějjin. Ir-riforma pplanata tirrappreżenta viżjoni kredibbli biex is-sistema tas-saħħa ssir universalment aċċessibbli u sostenibbli, b'mod li tissodisfa d-domandi ta' popolazzjoni li qed tixjeh u li tgħaddi l-kura fil-komunità, b'enfasi aktar qawwija fuq il-prevenzjoni. Dan x'aktarx li jkollu impatt pożittiv fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-kura akuta, biex b'hekk jagħmel il-kura tas-saħħa aktar kosteffikaċi. Madankollu, l-implimentazzjoni hija pperikolata mid-diffikultajiet tas-sistema tas-saħħa biex tindirizza s-suq tal-assigurazzjoni doppja tas-saħħa u effettivament timmaniġġja l-baġit, il-prestazzjoni u l-forza tax-xogħol tagħha stess fuq perijodu ta' żmien qasir. L-ispejjeż fuq perijodu ta' żmien qasir ukoll ser ikollhom jiġu ristretti biex tiġi ssodisfata l-viżjoni ta' Sláintecare fuq medda twila ta' żmien.

(7) L-infiq primarju nett tal-gvern hu magħmul mill-infiq totali tal-gvern mingħajr l-infiq marbut mal-imgħax, l-infiq marbut mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fl-infiq marbut mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-nefqa huma esklużi. Il-livell referenzjarju tal-infiq għall-Irlanda jirrifletti aġġustament biex jikkoreġi distorsjoni fir-rata ta' referenza ta' 10 snin ta' tkabbir potenzjali kkawżat miż-żieda eċċezjonalment għolja fit-tkabbir reali tal-PDG fl-2015. Skont l-approċċ meħud mill-awtoritajiet Irlandiżi fil-kalkoli tal-Baġit tagħhom fl-2017, il-Kummissjoni ħadet il-medja tar-rati ta' tkabbir potenzjali fl-2014 u fl-2016.

(8) Bħal fl-2019, il-parametru referenzjarju tal-infiq jirrifletti aġġustament biex jikkoreġi distorsjoni fir-rata ta' referenza ta' 10 snin ta' tkabbir potenzjali kkawżat minn żieda eċċezjonalment għolja fit-tkabbir reali tal-PDG fl-2015.

- (12) Minkejja l-isforzi tal-gvern fil-passat biex irażżan l-infiq fuq il-pensjonijiet pubbliċi, id-defiċit ġenerali tas-sistema tal-pensjonijiet huwa mistenni li jkber b'mod sinifikanti fit-tul b'halo riżultat tan-nefqa fuq il-pensjonijiet li tiżdied minn 5 % tal-PDG fl-2016 għal 6,6 % fl-2070, bl-ogħla livell ta' 7,5 % fl-2053. L-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-pjan direzzjonali ppreżentat għal riforma tal-pensjonijiet hija kruċjali biex is-sistema tal-pensjonijiet Irlandiża ssir aktar fiskalment sostenibbli.
- (13) Investiment ikbar fil-ħiliet, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll fl-inklużjoni soċjali huwa essenzjali għat-titjib tal-produttività u tat-tkabbir inklużiv fit-tul tal-Irlanda. Is-suq tax-xogħol li qed isir aktar ristrett u n-nuqqas ta' ħiliet u d-diskrepanzi emerġenti f'ċerti setturi jitolbu sforzi biex jintlaħqu gruppi inattivi ta' ħaddiema potenzjali u biex isir investiment f'kapital uman mhux sfruttat biżżejjed. Hemm lok għal promozzjoni tat-titjib tal-ħiliet u allinjament aħjar tal-kurrikuli tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-perċentwal baxx tal-forza tax-xogħol b'ħiliet diġitali bażiċi jirrikjedi li jsir aktar investiment f'taħriġ fuq il-post tax-xogħol u fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol adulta. L-investment fl-aċċess għall-kura tat-tfal ta' kwalità u affordabbli u l-introduzzjoni tal-Iskema Nazzjonali għall-Indukrar tat-Tfal ser jgħinu biex tiżdied ir-rata tal-impjiegi pjuttost baxxa tan-nisa. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol hija fost l-aktar baxxi fl-Ewropa. L-għadd ta' persuni li jgħixu fi djar b'intensità baxxa ta' xogħol għadu wieħed mill-ogħla fl-Unjoni, b'mod li jenfasisza l-lok għal aktar strateġiji ta' attivazzjoni integrati u mmirati biex jappoġġaw dan il-grupp partikolari.
- (14) Is-snin ta' investiment baxx wara l-falliment ekonomiku qed iħallu effett avvers fuq id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni soċjali bi prezz raġonevoli u ta' infrastruttura xierqa fl-oqsma tat-trasport u l-enerġija nodfa, l-ilma u l-broadband ultra veloċi, li min-naħa tagħhom joħlqu ostakli għall-investment tan-negożju. Barra minn hekk, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu ħafna f'ħames snin. L-infrastruttura mtejbja, flimkien ma' ppjanar spazjali, tista' tkun faċilitatur kritiku biex tittejjeb il-provvista tad-djar, jżdied l-investment privat, tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività u jiġi żgurat żvilupp ekonomiku reġjonali bbilanċjat. Il-konnettività u l-ħiliet diġitali suffiċjenti li jibqgħu validi fil-futur għadhom kruċjali għall-kumpaniji domestiċi biex jużaw b'mod effettiv it-teknoloġija diġitali u għal settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni domestika biex jirnexxi. Għad fadal sfidi sinifikanti fir-rigward tal-aċċess għal broadband ultra veloċi, b'mod partikolari f'żoni rurali. Aktar investiment fl-infrastruttura marbuta mal-enerġija nadifa, ma' trasport pubbliku nadif u ma' servizzi tal-ilma kif ukoll sforzi intensifikati fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni, tal-effiċjenza enerġetika, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ekonomija ċirkolari jgħinu lill-Irlanda fit-transizzjoni tagħha lejn ekonomija reżiljenti għall-ambjent b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju.
- (15) Filwaqt li t-tnedija tal-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali eventwalment tista' twassal għall-provvediment ta' infrastruttura bażika addizzjonali, il-kapaċità dgħajfa tas-settur tal-kostruzzjoni tista' ssir ostaklu għall-konsenja f'waqtha tagħha. Barra minn hekk, id-diversifikazzjoni tat-trasport marittimu u l-konnessjonijiet tal-enerġija mal-Ewropa kontinentali jstgħu jżidu r-reżiljenza tal-ekonomija għal xokkijiet esterni. L-Irlanda s'issa naqset milli tifred it-tkabbir ekonomiku tagħha mill-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra żdiedu b'mod stabbli, b'mod partikolari fit-trasport, fl-agrikoltura, fl-enerġija u fl-ambjent mibni. In-nuqqas ta' progress f'dan il-qasam ser jagħmilha aktar diffiċli biex l-Irlanda tissodisfa l-obbligi tagħha fl-Unjoni, filwaqt li jżid ukoll l-ispiża ta' azzjoni futura.
- (16) In-nuqqasijiet persistenti fil-provvista, flimkien ma' żieda fid-domanda, qed ikomplu jagħtu lok għal żidiet fil-prezzijiet tal-proprietà. Għalkemm il-prezzijiet ma dehrux sopravvalutati fl-2017, l-affordabbiltà qed issir kwistjoni ta' tħassib. L-iskarsezzi fil-provvista tas-settur tal-akkomodazzjoni qed jaffettwaw ukoll l-akkomodazzjoni soċjali minħabba nuqqas ta' investiment u kostruzzjonijiet tul l-aħħar għaxar snin. Filwaqt li d-domanda għall-akkomodazzjoni soċjali hija stmeta għal madwar 72 000 unità, 10 000 biss huma ppjanati li jiġu kkonsenjati fl-2019. 17 000 unità domestika għandhom jiġu assistiti permezz tal-Iskema Irlandiża ta' Assistenza Finanzjarja għall-Akkomodazzjoni jew għall-Kiri (Housing Assistance Payment or Rental Accommodation Scheme), iżda hemm ir-riskju li din l-għajjuna tgħolli l-kera fis-suq tal-kiri privat fejn il-provvista diġà hija ristretta. Għadd kbir ta' djar soċjali m'għandhomx biżżejjed okkupanza, b'mod partikolari fiż-żona ta' Dublin, parzjalment minħabba Prattiki ta' suċċessjoni skaduti. It-taħlita inadegwata fit-tipi ta' djar soċjali pprovdu flimkien mal-ammont limitat ħafna ta' akkomodazzjoni affordabbli u bi spejjeż tal-kiri huma fatturi li jkomplu jaggravaw is-sitwazzjoni. Din hija raġuni ewlenija għal żieda kostanti fl-għadd ta' persuni u familji li qed jgħixu f'akkomodazzjoni ta' emerġenza, fejn iċ-ċifri ta' persuni mingħajr dar laħqu livelli massimi ġodda fi Frar 2019.

- (17) It-trawwim tal-produttività mmexxija mill-innovazzjoni tal-impriżi domestiċi huwa kruċjali biex jappoġġa tkabbir tal-produttività aktar robust u reżiljenti fil-pajjiż. In-nefqa għar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) tan-negozji qed tkompli tiżdied iżda għadha taħt il-medja tal-Unjoni u hija kkonċentrata ħafna fid-ditti bi sjieda barranija. Hemm lok li l-politiki ta' innovazzjoni jiġu orjentati b'mod li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Irlandiżi (SMEs) ikunu appoġġati aħjar. L-appoġġ indirett (jiġifieri l-kreditu ta' taxa) jibqa' l-istrument ewlieni ta' appoġġ pubbliku għar-R&Ż fl-Irlanda (li jammonta għal 80 % tat-total tal-appoġġ pubbliku). Ir-rabtiet aktar b'saħħithom bejn ditti multinazzjonali u ditti domestiċi jstgħu jgħinu biex itejbu t-tixrid tal-innovazzjoni fl-ekonomija kollha. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn id-ditti u ċ-ċentri pubbliċi tar-riċerka żżid ukoll il-potenzjal tal-innovazzjoni.
- (18) Għalkemm il-livelli baxxi ta' R&Ż pubbliċi għadhom ta' tħassib (1,05 % tal-PDG mqabbel ma' medja tal-Unjoni ta' 2 %), il-programm tal-2019 għall-Impjieg tal-Ġejjieni fl-Irlanda li ġie adottat reċentement jipprovdi qafas promettenti biex jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-bidla teknoloġika u tittejjeb il-produttività tal-SMEs. Madankollu, l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu ser tiddependi fuq żieda sinifikanti fin-nefqa pubblika fir-riċerka u fl-innovazzjoni u fit-trasformazzjoni tal-programm adottat reċentement f'miżuri politiċi konkreti. Kif inhi bħalissa, din il-lista ambizzjuża ta' miżuri għad ma għandhiex dettalji importanti u dati ta' implimentazzjoni preċiżi. Pereżempju, għal azzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-2019, ma ġiet identifikata l-ebda miżura biex tiżdied id-disponibbiltà ta' investiment ta' ekwità fuq terminu twil biex jiġu appoġġati kumpaniji indiġeni fit-tkabbir tan-negozju tagħhom; it-taħlita ta' politiki biex l-SMEs ikunu inċentivati jinvestu f'teknoloġiji ġodda tgħaqqad il-kreditu tat-taxxa u l-inċentivi mhux fiskali biex tħeġġeġ lill-SMEs jinvestu fl-innovazzjoni, iżda l-kobor relattiv ta' dawn il-miżuri għadu mhux magħruf. Il-programm tal-2019 għall-Impjieg tal-Ġejjieni fl-Irlanda ma jinkludix azzjonijiet speċifiċi u riżultati tanġibbli biex jindirizzaw id-distakk bejn l-Irlanda u Stati Membri oħra fir-rigward tal-introduzzjoni ta' netwerks tal-broadband b'validità għall-futur f'konformità mal-miri tal-Unjoni fir-rigward tas-Soċjetà tal-Gigabits sal-2025. Il-Pjan Nazzjonali tal-Broadband huwa mistenni li jgħin biex jiġi indirizzata dan id-distakk.
- (19) Id-dispartiaġiet reġjonali fl-Irlanda huma sinifikanti u ilhom jiżdiedu tul dawn l-aħħar għaxar snin. L-Irlanda għandha disparitajiet ekonomiċi reġjonali pjuttost għoljin meta mqabbla ma' Stati Membri oħra f'termini ta' PDG per capita. Bejn l-2000 u l-2016, il-PDG per capita fir-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant żdied b' 74 %, bi 63 punt perċentwali aktar milli fir-reġjuni tal-Fruntiera, taċ-Ċentru u tal-Punent, u ż-żieda kibret aktar malajr wara l-2012. Sal-2016, il-PDG per capita fir-reġjun tan-Nofsinhar u tal-Lvant kien 2,6 darbiet ogħla minn dak fir-reġjun tal-Fruntiera, taċ-Ċentru u tal-Punent. Iż-żona ta' Dublin, b'40 % tal-popolazzjoni tal-Irlanda, ikkontribwixxiet b'62 punt perċentwali għat-tkabbir tal-PDG bejn l-2000 u l-2016.
- (20) L-ostakli regolatorji għall-intraprenditorija (b'mod partikolari ċerti regolamenti relatati mal-proprjetà kummerċjali u s-servizzi legali) jaffettwaw b'mod negattiv id-dħul u l-ħruġ sodi u b'hekk il-produttività ta' ditti Irlandiżi indiġeni. L-ostakli għad-dħul fis-swieq tal-konsumaturi jirrappreżentaw sfida. L-Irlanda għandha punteġġ fost l-ewwel ħames pajjiżi bl-akbar numru ta' rekwiżiti proċedurali fir-rigward tal-istabbiliment ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut. Il-bejjiegħa bl-imnut iħabbtu wiċċhom ma' ostakli proċedurali li jittardjaw u jżidu l-ispejjeż tal-ftuħ ta' ħwienet ġodda u jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-istruttura u d-dinamika tas-suq.
- (21) L-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Servizzi Legali l-ġdid għad irid jiġi implimentat, peress li l-introduzzjoni ta' regolamenti tkompli tesperjenza dewmien sinifikanti, anke jekk il-konsultazzjonijiet preparatorji jkun għadhom għaddejnin. Il-possibbiltà ta' aċċess professjonali dirett għall-barristers dwar kwistjonijiet kontenzjużi kif ukoll il-possibbiltà li persuni ġuridiċi jsiru sħab fit-tipi kollha ta' prattiki legali jibqgħu possibbiltajiet inċerti. Madankollu, regoli kumplessi żżejjed dwar l-operat u l-ġestjoni għal prattiki multidixxiplinari għandhom jiġu evitati. L-implimentazzjoni ambizzjuża ta' riformi miftuħa hija kwistjoni ta' prijorità ewlenija. L-"Ambizzjoni 2.3" fil-programm tal-2019 għall-Impjieg tal-Ġejjieni fl-Irlanda suppost tindirizza l-problemi relatati mal-ispiża tas-servizzi legali, iżda l-uniku eżitu fl-2019 huwa tentattiv u ż-żmien huwa ambigwu. Id-dewmien fl-implimentazzjoni ta' din ir-riforma jikkontribwixxi għall-kost għoli tas-servizzi legali fl-Irlanda, għad-detriment tan-negozju, b'mod partikolari tal-SMEs, u tal-individwi. Peress li s-servizzi legali huma input importanti għal servizzi kummerċjali oħra, ir-restrizzjonijiet f'dak is-settur jikkontribwixxu għall-kost għoli ta' servizzi oħra (eż. l-assigurazzjoni).

- (22) Il-proporzjonijiet tas-self improduttiv komplew jonqsu u naqsu b'4,4 punti perċentwali għal 5,5 % fis-sena sar-raba' kwart tal-2018. Il-banek jinsabu fit-triq it-tajba biex jilħqu l-miri ta' tnaqqis tagħhom, appoġġati minn bejgħ ta' portafolli, sforzi ta' ristrutturar u żieda fil-prezzijiet tal-proprietà. L-arretrati tas-self ipotekarju fuq perijodu ta' żmien twil (aktar minn sentejn wara d-data tal-għeluq) jibqgħu relattivament għolja, u dan jgħin biex il-proporzjon tas-self improduttiv jibqa' ogħla mill-medja taż-żona tal-euro. Għadd ta' inizjattivi u abbozzi ta' liġijiet, bħall-abbozz dwar in-"nuqqas ta' kunsens, nuqqas ta' bejgħ" ġew proposti biex jindirizzaw l-impatt soċjali u ekonomiku ta' riżoluzzjoni ta' self improduttiv, inkluż għal unitajiet domestiċi vulnerabbli. Ir-reġistru tal-kreditu sar kompletament funzjonali għas-self tal-konsumatur fl-2018 u ser ikun kruċjali biex jiġi vvalutat jekk il-mutwatarji humiex kapaċi jħallsu d-djun tagħhom. Il-proċeduri ta' insolvenza u l-użu ta' opzjonijiet fil-qorti kif ukoll barra mill-qorti għal riżoluzzjoni tal-arretrati jibqgħu limitati. It-tnaqqis ulterjuri tal-arretrati tas-self ipotekarju fit-tul filwaqt li jittkomplew l-inizjattivi għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, mingħajr ma jinħolqu ostakli bla bżonn għal riżoluzzjoni ta' self improduttiv, jibqa' sfida u jeħtieġ monitoraġġ kontinwu.
- (23) L-iprogramm tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D għar-rapport tal-pajjiż għall-2019. Dan jippermetti lill-Irlanda biex tagħmel l-aħjar użu minn dawk il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li jitqiesu l-inugwaljanzi reġjonali.
- (24) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tal-Irlanda u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019, il-Programm ta' Riforma Nazzjonali għall-2019 u s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Irlanda fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni qieset mhux biss ir-rilevanza tagħhom għall-politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fl-Irlanda, iżda anki l-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali tal-ġejjieni.
- (25) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 u huwa tal-fehma⁽⁹⁾ li l-Irlanda hija mistennija tikkonforma mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.
- (26) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà għall-2019. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1) u (3) ta' hawn taħt. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, b'mod partikolari it-tieni rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro. Il-politiki fiskali msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt jikkontribwixxu, fost l-oħrajn, biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi marbuta ma' dejn għoli tal-gvern,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Irlanda tieġu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tilħaq l-oġettiv baġitarju fit-terminu medju fl-2020. Tuża qligħ mhux mistenni biex jiġi aċċellerat it-tnaqqis tal-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali. Tillimita l-ambitu u l-għadd ta' nefqiet tat-taxxa, u twessa' l-bażi għat-taxxa. Tkompli tindirizza l-karatteristiċi tas-sistema fiskali li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, u tiffoka b'mod partikolari fuq pagamenti 'l barra. Tindirizza ż-żieda mistennija fl-infiq marbut mal-età billi tagħmel is-sistema tal-kura tas-saħħa aktar kosteffettiva u billi timplimenta l-pjanijiet ta' riforma tal-pensjonijiet b'mod sħiħ.
2. Tipprovdi appoġġ personalizzat għall-integrazzjoni attiva u tiffaċilita t-titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli u persuni li jgħixu fi djar b'intensità baxxa ta' xogħol. Iżżid l-aċċess għal kura tat-tfal affordabbli u ta' kwalità.

⁽⁹⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

3. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investment fuq transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' użu ta' enerġija u tal-karbonju, it-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-trasport sostenibbli, l-ilma, l-infrastruttura diġitali u l-akkomodazzjoni affordabbli u l-akkomodazzjoni soċjali, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Timplimenta miżuri, inklużi dawk fl-istrateġija dwar l-Impjegi Futuri, biex tiddiversifika l-ekonomija u ttejjeb il-produttività ta' ditti Irlandiżi — b'mod partikolari l-SMEs — billi tuża aktar strumenti ta' finanzjament dirett biex tistimula r-riċerka u l-innovazzjoni u billi tnaqqas l-ostakli regolatorji għall-intraprenditorija.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LINTILÄ
